Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 61/2010

**John Sciberras vs Melita Sciberras**

**Vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-attur[1] u fic-certifikat taz-zwieg taghhom[2], fis-sens li l-kunjom Xiberras ghandu jaqra Sciberras.

Fir-risposta guramentata li pprezenta l-konvenut fit-23 ta' Lulju 2010 iddikjara li m'huwiex jopponi ghat-talbiet tal-atturi peress li jidhru gustifikati.

[1] L-attur twieled fit-23 ta' Settembru 1960 (numru ta' iskrizzjoni tac-certifikat 557)

[2] L-atturi zzewwgu fit-28 ta' Frar 1986 (numru ta' iskrizzjoni tac-certifikat 16).

Fid-dawl ta’ tali dikjarazzjoni u wara li l-qorti qieset il-provi li ressqu l-atturi, hi tal-fehma li t-talba tal-atturi ghandha tintlaqa’.

Ghaldaqstant, il-qorti taqta u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet tal-atturi u ghalhekk:-

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-attur (numru ta’ iskrizzjoni 557 li saret fis-6 ta’ Ottubru 1960) fis-sens li kull fejn hemm il-kunjom Xiberras dan ghandu jaqra **Sciberras**.

2. Tordna korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg tal-atturi (numru ta’ iskrizzjoni 16 li saret fit-28 ta’ Frar 1986) fis-sens li kull fejn hemm il-kunjom Xiberras dan ghandu jaqra **Sciberras**.

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------